



# Il-Ħeddieme tal-Feħem Żwieten

***Rakkont bid-djelett Żejtewni - Lino Psaila***

Sa ftit iktar minn nofs siklu ilu, x-xogħol tal-feħem kien l-iktar pupuluri, u tista' tgħajd li tliet kwarti minn nies tar-reħel tagħne kienu jeħdmu f'duk ix-xogħol. In-nannu tiegħaj Wiġi, kien wieħed minn ta' quddiem, billi kellu ġu tliet ħuwtu li tista' tgħajd kienu stabbiliti f' duk ix-xogħol. Mill-ispirjenzi tiegħaw kien għaddieli dawn it-tifkiriet, li llewm il-ġurnuta, fir-reħel tagħne, ftit ferm baqa' min jiftakarhom u jista' jitkellem dwurhom: il-ħeddieme tal-feħem.

Min kienu dawn? Min m'għandewx iktar minn ħamsa u ħamsin sene, u qrib is-sittin, żgowr ma jufx min hume, jew min kienu dawn l-aħħar nies tal-feħem, li bl-ikbar tbatija rabbew il-femilji kbur tegħhom. Min juf kemm minn suffirenzi kellhom jgħaddu waqt ix-xogħol tegħhom, u ma kienu rrispettuti kwużi minn ħedd. Imme dawn in-nies kienu kburin ukoll, spiċjelment b'reħel twilidhom. Kienu jħubbowh liż-Żejtewn, u minkejje li kienu aktarx skartuti mill-bqija tar-reħel, taw mill-ftit tegħhom daqs l-aqwa filantrupisti li qatt kien haw fir-reħel tagħne. Għalkemm kienu nies bla skula, u ma kinewx jufu x'inhew skrett u lupes, għamlu minn kullox biex lil uliedhom jgħallmuhom l-iskula, u ma jħelluhomx ibutu bħulhom. Imme mhewx dejjem kien il-kuż, għar-raġuni li kwużi kullha kellhom femilji kbur, u d-dħowl finanzjurju kien żgħajr wesq.

Hume wkoll l-iktar sezzjuni tal-pupulin Żejtewni li hi minsije minn kulħedd, jew kwużi. Dun għaliex? Fursi għax bixrithom u surithom kienet tbażżgħak? Fursi għaliex ħefne minnhom, kif kienu għodhom ta' kulowr iswed bl-għabra tal-feħem, kienu jintafgħaw foq iz-zuntier tal-knisje jieklu xi biċċe ħobż? Fursi għax xi wħewd minnhom kienu xi ftit imqarqċa, u kilme ma jeħsbuhiex darbtajn biex jgħajduwhe? Jew għax fursi dawn in-nies kienu bla skula, u nħussu li hume ta' xi grud inqas minne, jew li ma kienewx jagħmlu parti mit-tajfa Żejtunije?

"Hume wkoll l-iktar sezzjħni tal-pupulin Żejtewni li hi minsije minn kulħedd, ..."

Il-feħem, sustanza ta' kumpużizzjuni kemikuli, magħmewl minn veġitazzjuni preisturika. Dun ilu magħrowf għal siekli sħuħ. Il-bniedem ta' duk iż-żmien kien ġu għaraf l-impurtanza tiegħaw, lieme impurtanza iktar żdiedet ma' l-intruduzzjuni



*Ġuseppi Ellul it-Taqqula*



*Karmenu Vella Galalli*



*Belinju Farrugia l-Għarajs*

tal-istim, speċjelment fil-vapuwri li kienu abbandunaw il-qlewgħ għal kullox u bdew jużaw il-mugni bl-istim. Ta' bilfors kull vapowr ried ikullu kwantità kbire ta' feħem biex ikullu x'jinħereq u jtalla' l-istim.

Mite Multa kienet kulunja tal-Ingilterre, il-flutta tegħhe spess kienet tidher dieħle u ħierġe mill-purtijiet, u kull darba li kienu jidħlu jew joħurġu, riedu ta' bilfors jieħdu l-feħem. Għalhekk kienu ħesbu biex hawn Multa jkullhom riserve kbire ta' feħem, li ġiniralment kien jiġi mill-Ingilterre stess, permezz ta' busta vapuwri, tal-kumpanija *Peninsular & Oriental*, jew kif kienu magħruwfe b'tal-*P&O*. Din kienet waqqfet imħużen kbur kemm fil-Marsa u anki f'tal-Pjetà, u biex isir il-ħett, jew il-mili tal-vapuwri, riedu busta nies, għaliex makkinurju ma kienx hemm bħel-lewm. Il-maġġuranza ta' dawn in-nies li jeħdmu l-feħem bħell ma ġu għadt kienu mir-reħel tagħne. Dawn kienu mijiet imqassmin f'ċurom imsejħin gajjiet, li kienu jleħħqu minn għoxrin sa ħamsin rewħ. In-nannu kien jgħajdli li erbatux minn dawn iċ-ċurom kienu Żwieten u kienu mmexxije minn dawn: Liżur Bartlu - ta' Salvu, Belinju Farrugia - l-Għarajs, Nikol Carabott - ta' Kulajru, Ġanni Camilleri - ta' Frenċ, Kalċidon Caruana - il-Faħħuri, Karmnu Vella - Galalli, Ġużepp Farrugia - ta' Kiline, Salvu Caruana - Imżiewet, Ġanni Cassar - il-Ħaqqa, Mikiel Saliba - ta' Vitor, Petest Cassar - ta' Petest, Ġużepp Psaila - Bużakkar, Mikiel Psaila - il-Ġujja, u Karmnu Psaila - Kafé. Dawn l-aħħar tliete kienu ħowt in-nannu Wiġi, u l-biċċe l-kbire tal-ħeddieme li kellhom megħhom kienu kwuzi kullha mill-istess femilji, li għaddew ħejjithom fix-xogħol tal-feħem.

Dawn kienu l-gajjiet Żwieten li fost il-mijiet ta' nies, li kienu jeħdmu megħhom, kien hemm minn ġuvintowr sa rġiel miżżewġe b'femilji kbur. F'ċerti kużi, kien ikewn hemm anki anzjuni, li għalkemm ma kinewx jarfgħaw il-qfief bħeż-żgħożogħ, kienu kapuċi fl-armur, u l-pariri tegħhom dejjem kienu siewje biex jiġi evitut xi saram waqt il-ħidme.

Kien jiġri li mite jasal xi vapowr għall-ħett, u skont kemm-il tunnulluta feħem kien ikullu, l-eġent kien isejjeħ il-kup tal-gaj li kien ikewn fil-vende. Dun min-neħe tiegħaw, kien ikewn marbowt biż-żmien, biex il-ħett isir fil-ħin stipulut. Jekk kien jura li bil-gaj tiegħaw ma kienx sa jleħħeq, kien isejjeħ ukoll il-gaj li kien imissu warajh. Kull gaj kien ikullu minn għoxrin sa ħamsin rewħ. Hawn kienet tibde l-ħidme, billi wħewd kienu jinżlu fl-istiva biex bil-puli jimlew il-qfief. Oħrajn jarmaw it-twuvel, li kienu ta' qisien differenti, minn ħmistux-il pied għal erbgħejn pied. Dawn kienu jintużaw kullha, għaliex mite l-vapowr ikewn mimli, allura jkewn baxx u jibdew jintużaw it-twuvel tal-ħmistux-il pied. Iktar ma' jibde jitbattal, iktar jibde jogħla, u hawn jibdew jinbidlu t-twuvel u l-armur skont il-ħtieġe. Il-ħeddieme kienu qishom nemel, tilgħajn u niżlin, bil-qfief foq spallajhom, iġurru l-feħem lejn l-imħużen, fejn ikewn hemm numru ieħor ta' ħeddieme foq twuvel oħra, li kienu jwasslu sas-saqaf tal-meħżen. Dun kien ikewn imqassam f'gerżelli jew diviżurji ta' bejn wieħed u ieħor mett pied towl, b'ħamsa u għoxrin pied wiesgħa, u madwur ħamsa u għoxrin pied oħra għoli. Jifridhom minn wieħed għall-ieħor kien ikewn hemm ħejt ta' ftit iktar minn żewġ piedi ħxune. Dun kien jissejjeħ ix-xogħol singlu, għaliex minn ġal-vapowr il-feħem kien imowr drett għal ġal-meħżen.

"Kien jiġri li mite jasal xi vapowr għall-ħett ... "

Imme busta drubi, ix-xogħol kien ikewn duppju, għar-raġuni li l-vapowr ma kienx ikewn jista' jidħol mal-moll u hawn kienu jintużaw il-bruken. Vuldieri l-ħeddieme, mill-



*Żaren Mizzi l-Bloqq*



*Ganni Psaila Ġlewd*



*Ċensu Ellul il-Qrent*

vapowr kienu jimlew il-bruken u, wara li dawn kienu jitressqu mal-art, kienu jarġgħaw jiġu meħtute għal ġal-meħżen. Busta drubi umbagħad kienu jispiċċaw sa tard wara lufsinhur.

Issa dun ix-xogħol kien isir anki bil-kuntra, vuldieri mite vapowr kien ikewn irid jitgħabbe u mhewx jinħett. Dun kien isir bi tbatija iżjed, għaliex il-feħem fil-vapowr kien ikewn irid jiġi stivut u mhewx mixħewt b'addoċċ. Wara dawk is-sigħot kullha ta' xogħol, dawk il-ħeddieme kullha kienu jirriturnaw lejn ir-reħel bil-mixi. Dun għaliex tal-karuzzi tal-linje ma kinewx iriduhom jitilgħaw, minħebbe li kienu jkewnu mimlijin għabra tal-feħem, biex il-passiġġieri ma jgergrewx. Ġieli ġew imtalla' mite xi darba l-karuzza tinzirte vujta, u kienu jiffrankaw mixje mill-Marsa jew tal-Pjetà saż-Żejtewn.

Il-qliegħ tegħhom kien żgħajr imme, bħell-aħwa Żwieten, kienu ħesbu wkoll li mill-ftit li kienu jaqalgħaw, kienu joħurġu xa ħuġa, kemm għall-feste ta' Santa Keterine, u anki għal dik tal-Madunna tad-Duttrine, li f'dawk iż-żminijiet kienet issir ukoll b'pumpa kbire. In-nannu kien qalli li l-aħħar gajjiet tal-feħem kienu ħerġu minn buwthom biex sata' jsir il-bieb maġġowr tal-parruċċa. Iktar tard, dun il-ħsieb kien ġie kkupjut minn sejjiede Żwieten, u wara Xlukkajri, u bil-ftit li kienu joħurġu, kienu sustnew il-bini tal-knisje tax-Xatt.

In-nannu kien jirrakkuntuli li kien jisma' li kienet ġrut treġiedje kbire fil-jewm tas-Sebt, sbatux ta' Lulju, elf tmien mije u tmienje u ħamsin, mite disa' ħeddieme tal-feħem Żwieten kienu ħellew ħejjithom f'daqqa wara li ċiede ħejt ta' meħżen f'tal-Pjetà. L-ikbar wieħed minnhom kellu bess ħamsa u ħamsin sene. Dun kien Ġanni Zammit, il-Garru, u l-iżgħar ta' dsatux-il sene, Frenġisku Bonnici, il-Kora.

Bħelma ġu għadt, in-nannu Wiġi għadde ħejtu kullha jeħdem il-feħem u buta qetigħ biex rabba lil missieri, u milli sata', għallmu l-iskula biex ma jbatix bħulu. Baqa' jinżel il-Marsa sa kwużi kellu sebgħejn sene, u bilfors kellu jagħmel hekk. Ma kienet tiżisti ibde pinsjuni f'dawk iż-żminijiet, biex fursi sata' jserreħ xi naqa rusu. Minbarra n-nannu ġej bil-mixi mit-triq tal-Qasam kwużi iswed mimli bl-għabra tal-feħem, niftakar Żwieten oħra fusthom lil ħow in-nannu, Ġanni Psaila Ġlewd, Ċensu Ellul il-Qrent, Żerien Mizzi l-Bloqq u Ġużepp Ellul it-Taqqula, u iżjed, imme ta' dawn bess irnexxieli nakkwiste ritratt.

Dun ir-rakkont kullu, kien qaluli n-nannu Wiġi. Imme issa sa ngħajd xa ħuġa żgħajra jien foq dawn il-ħeddieme.

Għandi għax nifhem li l-Kunsell tar-reħel għandu għal qalbu wkoll lil dawn in-nies Żwieten, aktarx minsije mill-kumplement taż-Żwieten l-oħra. Dun għaliex kieku ma kienx jieħu l-inizjattiva u jugħti l-fakultà, lil minn irid, biex f'ukkażjuni ta' Jewm Iż-Żejtewn, jikteb dwurhom. Inħoss li hew dmir tal-Kunsell ukoll li lil dawn in-nies jiftakar fihom, u jfakkarhom. Fursi mhewx b'xi munument, għalkemm jixirqilhom, inqas b'xi bost, imme mqur tissemme triq għalihom. Jekk m'hemmx lok għal turoq ġudda fir-reħel, żgowr hawn turoq oħra msemmije għall-pirsunaġġi li la kienu Żwieten u fursi laqqas qatt kellhom l-iċken rabta maż-Żejtewn. Haqqhom dawn in-nies li f'reħel twilidhom ikewn hawn imqur triq li tfakkarhom? Qed ngħajd dun kullu mhux għax l-idulu ta' qalbi, in-nannu Wiġi, kien wieħed minnhom, imme għax tessew inħoss li jixirqilhom, dawn iż-Żwieten kwużi minsije minn kulħedd. ■

"In-nannu kien jirrakkuntuli li kien jisma' li kienet ġrut treġiedje kbire fil-jewm tas-Sebt ..."